

# Għal min idoqqu l-qniepen
## *To whom the Bell Tolls*

Alfred Caruana

Kif aħna l-Marsin dalwaqt niċċelebraw l-ewwel mitt sena mit-twaqqif tal-parroċċa tas-Ssma. Trinità, nixtieq nagħti xi tagħrif dwar il-qniepen tal-parroċċa li proprju din is-sena jagħlqu mitt sena mill-miġja tagħhom.

Qabel xejn nixtieq nagħti tagħrif u xi ħsibijiet dwar il-qniepen. Il-qniepen ma nsibuhomx biss fil-knejjes. Narawhom fuq il-palazzi, fuq is-swar, fuq il-bastimenti, fuq it-torrijiet, u huma anke mezz ta' mużika f'orkestri kbar. Il-qniepen jagħtu espressjoni ta' messaġġ meta jindaqqu. Nixtieq ngħid li l-qniepen huma rikonoxxuti fil-liturġija tal-knisja u saħansitra jiġu mberkin f'ċerimonja apposta. Fil-knejjes tagħna jintużaw matul is-sena kollha. Jintużaw f'okkażjonijiet ta' ferħ bħal f'jum il-festa jew festi kbar liturġiċi bħall-Għid il-Kbir u Corpus Christi kif ukoll f'okkażjonijiet ta' niket bħal f'każ ta' mewt jew funeral. Jindaqqu wkoll fil-ħin ta' qabel il-quddiesa jew l-eżerċizzi spiritwali u anki fl-Angelus.



Il-qniepen għandhom ukoll messaġġ ċivili bħal meta jindaqqu t-tokki tal-arloġġ. Fi żmien l-antik kienu jindaqqu fl-*isports* jew fi żmien aktar bikri waqt xi ħbit mill-furbani, saħansitra anki fl-Assedju l-Kbir. Fil-fatt, fil-Birgu, fuq il-kastell ta' Sant Anġlu, insibu qanpiena ferm antika li ġiet restawrata riċentament u għadha tista' tindaqq. Anki xi mużiċisti, poeti u kantanti ġew ispirati mid-daqq tal-qniepen. Insemmu l-kanzunetti '*Jingle Bells*', '*Bells at My Wedding*' ta' Paul Anka jew inkella, il-mużiċista Kettelby fil-komponiment tiegħu '*Bells Across the Meadows*' li ġie ispirat minn daqq ta' qniepen waqt inżul ix-xemx meta kien għal btala f'Għawdex. Bħalhom hemm tant u tant oħrajn.

Il-qniepen minn dejjem kienu jaffaxxinaw lill-bniedem tant li skorrew id-daqs normali tagħhom u nħadmu qniepen ta' qies kbir bħal dik ta' Moska, ta' qies goff ħafna u li tiżen mija u tmienja u disgħin tunnellata (198). Din il-qanpiena jsibuha bħala r-reġina tal-qniepen. Sfortunatament, din il-qanpiena ftit indaqqet għax ixxaqqet u m'għadhiex tintuża. Qanpiena oħra ferm magħrufa hija dik





Prospero Barigozzi
(1807 - 1866)



Ermanno Barigozzi
(1805 -1882)

tal-'*Big Ben*' ta' Londra.

F'Malta wkoll għandna qniepen ta' ċertu kobor, bħal dik ta' B'Kara fil-Bażilika ta' Sant Elena u oħra, dik li hi msejħa '*The Siege Bell*' li hemm qrib il-Barrakka t'Isfel. Din tiżen ħdax-il tunnellata, tliet tunnellati iżjed minn dik ta' B'Kara. Din il-qanpiena tindaqq kuljum f'nofsinhar b'mekkaniżmu awtomatiku biex tfakkar il-mejtin tat-Tieni Gwerra Dinjija f'Malta. Nixtieq insemmi qanpiena oħra ta' valur storiku ċivili, dik tal-'*HMS Illustrius*'; l-*aircraft carrier* li ġie bbumbardjat mill-Ġermaniżi waqt l-aħħar gwerra dinjija f'Malta. Din il-qanpiena ntlaqtet u tbiċċret u qiegħda merfugħa fil-Mużew tal-Gwerra f'Sant Iermu.

Issa ħa niġi għall-qniepen tal-Parroċċa Trinità. Dawn inġiebu Malta fit-3 ta' Marzu 1912 minkejja li l-Knisja kienet għadha mhix lesta minn kollox. B'dan naraw kemm Lorenzo Balbi, il-benefattur ewlieni, kien ħaseb għal kollox. Il-Knisja għandha sett ta' erba' qniepen bl-isem ta' **Lorenza, Marija Carmela, Pawlina** u **Franġeska**. Dawn ġew maħduma fl-Italja mid-ditta *Prospero Barigozzi*. Il-qniepen tbierku fl-14 ta' Marzu 1912 mill-Vigarju Ġenerali Mons. Luigi Attard.

Nawgura l-festa t-tajba lill-Marsin kollha.

Referenzi:-
- *In-Nazzjon Tagħna*
- *Qniepen ta' Malta u Għawdex* ta' Joseph Goggi

